

Brussell, 1 ta' Settembru 2025
(OR. en)

12258/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0266 (NLE)

TRANS 342
RELEX 1085

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	1 ta' Settembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna dwar it- Trasport tal-Merkanzija bit-Triq, fir-rigward tal-kontinwazzjoni tal-Ftehim

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 474 final.

Mehmuż: COM(2025) 474 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 1.9.2025
COM(2025) 474 final

2025/0266 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna dwar it-Trasport tal-Merkanzija bit-Triq, fir-rigward tal-kontinwazzjoni tal-Ftehim

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna dwar it-Trasport tal-Merkanzija bit-Triq iffirmat f'Lyon fid-29 ta' Ġunju 2022¹ (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim") fir-rigward tal-kontinwazzjoni tal-Ftehim f'konformità mal-Artikolu 7(2) tiegħu.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-Ftehim ilu jiġi applikat b'mod provviżorju mid-29 ta' Ġunju 2022. Dan ġie approvat f'isem l-Unjoni Ewropea u daħal fis-seħħ fil-5 ta' Diċembru 2022². Permezz tad-Deċiżjoni Nru 2/2023 tal-Kumitat Konġunt tas-16 ta' Marzu 2023, il-Ftehim ġie estiż sat-30 ta' Ġunju 2024³. Permezz tal-Ftehim Emendatorju ffirmat fi Brussell fl-20 ta' Ġunju 2024, dan ġie mmodifikat u estiż sat-30 ta' Ġunju 2025, b'tiġdid taċitu għal perjodu ieħor ta' 6 xhur⁴, u ilu jiġi applikat b'mod provviżorju minn dak iż-żmien. Fis-17 ta' Ġunju 2025, il-Parlament Ewropew adotta l-kunsens tiegħu għall-konklużjoni tal-Ftehim Emendatorju u fil-15 ta' Lulju 2025, il-Kunsill adotta d-deċiżjoni tiegħu dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Emendatorju. Il-Ftehim kif emendat huwa applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2025.

Il-Ftehim għandu l-għan li jiffaċilita temporanjament it-trasport tal-merkanzija bit-triq bejn l-Ukrajna u l-Unjoni Ewropea u minn ġo fihom, billi jagħti drittijiet addizzjonali tat-tranżitu u tat-trasport ta' merkanzija bejn l-Ukrajna u l-UE, wara l-gwerra illegali ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u t-tfixkil sinifikanti li ġgħib magħha għall-modi kollha tat-trasport fl-Ukrajna.

Minn Awwissu 2023 'l hawn, l-Ukrajna reġgħet nediet it-traffiku permezz tal-Baħar l-Iswed, li jintuża prinċipalment għall-esportazzjoni tal-ħbub, iżda b'kapaċità limitata għall-prodotti mhux agrikoli. Madankollu, it-tħassib dwar is-sigurtà għadu kritiku u din ir-rotta għadha ma hijiex alternattiva affidabbli biex tindirizza l-ħtiġijiet usa' ta' importazzjoni u esportazzjoni tal-pajjiż, inkluż l-għoti ta' għajjnuna militari u umanitarja u/jew fjuwil.

F'dan il-kuntest, il-Korsiji ta' Solidarjetà bejn l-UE u l-Ukrajna⁵ li jużaw it-trasport ferrovjarju, it-trasport bit-triq u l-passaġġi fuq l-ilma interni saru ankra ta' salvataġġ għall-Ukrajna, li jippermettu l-esportazzjoni ta' xi prodotti agrikoli, u jikkontribwixxu għas-sigurtà globali tal-ikel. Dawn jibqgħu l-għażla ewlenija għall-esportazzjoni ta' merkanzija Ukrena oħra (eż. ħadid, azzar) u għall-importazzjoni tal-merkanzija kollha li teħtieġ l-Ukrajna (inkluż il-fjuwil u l-għajjnuna umanitarja). Huwa stmat li, f'April 2025, il-Korsiji ta' Solidarjetà ammontaw għal 70 % tal-esportazzjonijiet Ukreni ta' prodotti mhux agrikoli (meta mqabbla ma' madwar 30 % permezz tal-Baħar l-Iswed), u madwar 20 % tal-esportazzjonijiet Ukreni

¹ ĠU L 179, 6.7.2022, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_international/2022/1158/oj.

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2435 tal-5 ta' Diċembru 2022 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq (ĠU L 319, 13.12.2022, p. 5, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2022/2435/oj>).

³ ĠU L 123, 8.5.2023, p. 36, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2023/929/oj>.

⁴ ĠU 2024/1878, 2.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_international/2024/1878/oj.

⁵ https://eu-solidarity-ukraine.ec.europa.eu/eu-assistance-ukraine/eu-ukraine-solidarity-lanes_mt

ta' h'hub, żrieragħ żejtnin u prodotti relatati (meta mqabbla ma' madwar 80 % permezz tal-Baħar l-Iswed)⁶.

It-trasport bit-triq huwa vitali għall-kummerċ bejn l-UE u l-Ukrajna fil-Korsiji ta' Solidarjetà. Għandu importanza partikolari għal importazzjonijiet mhux agrikoli ta' valur, peress li fl-2023 kważi 50 % ta' din it-tip ta' merkanzija ġiet importata lejn l-Ukrajna bit-triq, u dan jirrappreżenta aktar minn 75 % tal-importazzjonijiet mhux agrikoli f'termini ta' valur.

Ġie stabbilit Kumitat Konġunt biex jissorvelja u jimmonitorja l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Ftehim. Dan jiddeċiedi, b'mod partikolari dwar il-kontinwazzjoni tal-Ftehim. F'dak ir-rigward, il-Kumitat Konġunt għandu jivvaluta u jiddeċiedi, mhux aktar tard minn 3 xhur qabel l-iskadenza tal-Ftehim, jigiifieri mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2025, il-ħtieġa tal-kontinwazzjoni tiegħu. Skont l-Artikolu 7(5) tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt għandu jadotta d-deċiżjonijiet tiegħu b'konsensus.

Din il-proposta ssegwi żewġ diskussjonijiet li saru fis-17 u fit-22 ta' Lulju 2025 fil-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art tal-Kunsill abbażi ta' dokument informali tal-Kummissjoni.

• **Effetti tal-Ftehim**

Id-data disponibbli għall-Kummissjoni tikkonferma li l-Ftehim għadu jissodisfa funzjoni essenzjali għall-ekonomija tal-Ukrajna u jibqa' kruċjali għall-esportazzjonijiet tal-UE lejn l-Ukrajna.

- Skont il-Eurostat, il-volum tal-importazzjonijiet tal-UE mill-Ukrajna bit-triq żdied b'mod sinifikanti wara d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim. L-importazzjonijiet tal-UE bit-triq mill-Ukrajna żdiedu b'64 %, minn 1,800 elf tunnellata fit-tielet trimestru tal-2021 għal 2,945 elf tunnellata fit-tielet trimestru tal-2022 (il-merkanzija kollha). Minn dak iż-żmien, l-importazzjonijiet tal-UE mill-Ukrajna stabbilizzaw ruħhom, u laħqu 7,749 elf tunnellata fl-2024, li huwa 13 % ogħla mis-6,869 elf tunnellata fl-2021, qabel il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Fil-valur, l-importazzjonijiet tal-UE bit-triq mill-Ukrajna żdiedu bi 12 %, minn EUR 9,006 miljun fl-2021 għal EUR 10,108 miljun fl-2024.
- L-esportazzjonijiet tal-UE bit-triq lejn l-Ukrajna fil-volum żdiedu b'36 %, minn 1,797 elf tunnellata fit-tielet trimestru tal-2021 għal 2,446 elf tunnellata fit-tielet trimestru tal-2022 skont id-data tal-Eurostat (il-merkanzija kollha). Minn dak iż-żmien, il-volumi globali tal-esportazzjonijiet tal-UE bit-triq lejn l-Ukrajna stabbilizzaw, u laħqu 7,617 elf tunnellata fl-2024, li huwa 11 % ogħla mis-6,873 elf tunnellata fl-2021, qabel il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Fil-valur, l-esportazzjonijiet tal-UE bit-triq lejn l-Ukrajna żdiedu bi 48 %, minn EUR 22,526 miljun fl-2021 għal EUR 33,434 miljun fl-2024.
- Minn mindu ġie ffirmat il-Ftehim, il-valur tal-esportazzjonijiet tal-UE lejn l-Ukrajna bit-triq għalhekk żdied b'rata aktar mgħaġġla mill-importazzjonijiet mill-Ukrajna, u dan irriżulta f'bilanċ kummerċjali li kien 73 % ogħla fl-2024 milli fl-2021 (minn EUR 13,520 miljun fl-2021 għal EUR 23,326 miljun fl-2024).
- Dawn iċ-ċifri juru li l-ottimizzazzjoni tal-kapaċità tat-toroq kienet strumentali biex tappoġġa kurituri alternattivi bejn l-UE u l-Ukrajna, u b'hekk għenet lill-ekonomija

⁶ Sors: Stimuli proprji tal-Kummissjoni Ewropea, ibbażati fuq data pprovduta mis-servizzi doganali Ukreni.

tal-Ukrajna u ppermettiet it-trasport meħtieġ tal-merkanzija li teħtieġ, wara li r-rotot tradizzjonali tat-trasport fir-reġjun ma baqgħux disponibbli minħabba l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.

- Dawn ix-xejriet pożittivi huma kkonfermati fil-livell nazzjonali għal kważi l-Istati Membri kollha, u b'mod partikolari għall-Istati Membri ġirien tal-Ukrajna skont id-data tal-Eurostat. Fil-Polonja, il-valur tal-esportazzjonijiet bit-triq lejn l-Ukrajna kien 85 % ogħla fl-2024 milli fl-2021, filwaqt li l-valur tal-importazzjonijiet bit-triq mill-Ukrajna żdied bi 8 % matul l-istess perjodu, u dan irriżulta f'bilanċ kummerċjali pożittiv ta' EUR 8,237 miljun fl-2024. Fir-Rumanija, il-valur tal-esportazzjonijiet bit-triq lejn l-Ukrajna kien 124 % ogħla fl-2024 milli fl-2021, filwaqt li l-valur tal-importazzjonijiet bit-triq mill-Ukrajna żdied bi 15 % matul l-istess perjodu, u dan irriżulta f'bilanċ kummerċjali pożittiv ta' EUR 677 miljun fl-2024. Fis-Slovakkja, il-valur tal-esportazzjonijiet bit-triq lejn l-Ukrajna kien 106 % ogħla fl-2024 milli fl-2021, filwaqt li l-valur tal-importazzjonijiet bit-triq mill-Ukrajna żdied b'31 % matul l-istess perjodu, u dan irriżulta f'bilanċ kummerċjali pożittiv ta' EUR 803 miljun fl-2024. Fl-Ungerija biss kien hemm tnaqqis żgħir fil-bilanċ kummerċjali, peress li l-valur tal-esportazzjonijiet bit-triq naqas bi 17 % bejn l-2021 u l-2024 u l-valur tal-importazzjonijiet bit-triq naqas bi 22 % matul l-istess perjodu, u dan irriżulta f'bilanċ kummerċjali negattiv ta' EUR 90 miljun fl-2024.
- L-importanza tat-trasport bit-triq tidher ukoll mill-fatt li 80 % tal-importazzjonijiet tal-fjuwil tal-Ukrajna mill-UE ġew ittrasportati bit-triq. It-trasport bit-triq jirrappreżenta wkoll madwar 70 % tal-prodotti farmaċewtiċi importati mill-UE lejn l-Ukrajna u madwar 80 % tal-importazzjonijiet farmaċewtiċi kollha lejn l-Ukrajna ġew ittrasportati madwar l-UE bit-triq. Għalhekk, il-kuritur tal-art jibqgħu essenzjali, mhux biss għall-ħbub, iżda b'mod importanti għall-prodotti l-oħra kollha li l-Ukrajna teħtieġ jew tesporta.
- F'Awwissu 2023, l-Ukrajna stabbiliet kuritur alternattiv fil-Baħar l-Iswed biex fil-biċċa l-kbira tesporta l-ħbub. Madankollu, dan il-kuritur jibqa' soġġett għall-attakki Russi. Il-kapaċità ta' dan il-kuritur hija stmata li hi madwar 100 miljun tonnallata fis-sena, filwaqt li l-kapaċità tal-Baħar l-Iswed qabel il-gwerra kienet f'livell ta' 150 miljun tonnallata fis-sena. F'April 2025, l-esportazzjonijiet Ukreni permezz tal-Baħar l-Iswed ammontaw għal madwar 4,6 miljun tonnallata, inklużi xi 3,2 miljun tonnallata ta' prodotti agrikoli, u xi 1,4 miljun tonnallata ta' prodotti mhux agrikoli, filwaqt li l-importazzjonijiet Ukreni permezz tal-Baħar l-Iswed kienu stmati għal madwar 0,7 miljun tonnallata f'April 2025⁷. Dan il-kuritur alternattiv tal-Baħar l-Iswed, għalkemm huwa element siewi għall-esportazzjoni tal-ħbub, ma jistax jissostitwixxi t-trasport bit-triq għall-merkanzija kollha, l-aktar fir-rigward tal-importazzjonijiet Ukreni mill-UE. Barra minn hekk, it-trasport bit-triq joffri alternattiva aktar flessibbli u affidabbli minn modi oħra ta' trasport, u b'mod partikolari għal merkanzija ta' valur miżjud għoli.
- Id-data disponibbli tissuġġerixxi li l-għadd ta' trasportaturi bit-triq tal-UE li jaqsmu l-fruntiera Ukrena naqas minn 370 000 fl-2021 u 345 000 fl-2022 għal 303 000 fl-2023 u 203 000 fl-2024⁸. Xi Stati Membri jirrapportaw telf tas-sehem mis-suq tat-trasportaturi bit-triq stabbiliti fit-territorji tagħhom meta mqabbla mat-trasportaturi

⁷ Sors: Stimuli proprji tal-Kummissjoni Ewropea, ibbażati fuq data pprovduta mis-servizzi doganali Ukreni.

⁸ Sors: Data pprovduta mill-awtoritajiet Ukreni.

bit-triq stabbiliti fl-Ukrajna fir-rigward tal-volum ta' kummerċ bit-triq bejn l-UE u l-Ukrajna. Dawn l-Istati Membri jsostnu li dan ikun ir-riżultat tal-kostijiet operatorji aktar baxxi tat-trasportaturi Ukreni. Diversi fatturi oħra setgħu kkontribwew għal dan it-tnaqqis. Il-gwerra għamlitha aktar diffiċli biex it-trasportaturi tal-UE jkunu attivi fl-Ukrajna, b'mod partikolari minħabba r-riluttanza tat-trasportaturi tal-UE li jmorru f'xi partijiet tal-Ukrajna li huma eqreb tal-front u d-diffikultà biex jiksibu assigurazzjonijiet li jkopru r-riskji relatati mal-gwerra. Barra minn hekk, l-operazzjonijiet tat-trasport bit-triq minn u lejn l-Ukrajna jirrappreżentaw bħala medja proporzjon żgħir biss tan-negozju tat-trasportaturi tal-UE anke mill-Istati Membri ġirien. Għalhekk, filwaqt li jista' jinħass impatt fuq is-suq fil-livell lokali, il-Kummissjoni ma għandhiex evidenza li l-Ftehim wassal għal xi distorsjoni kbira fis-swieq tat-trasport bit-triq tal-Istati Membri.

3. KONTINWAZZJONI TAL-FTEHIM

• Il-Kumitat Konġunt

L-Artikolu 7 tal-Ftehim stabbilixxa Kumitat Konġunt biex jissorvelja u jimmonitorja l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Ftehim, u jirrieżamina perjodikament il-funzjonament tiegħu fid-dawl tal-oġettivi tiegħu. Skont dik id-dispożizzjoni, il-Kumitat Konġunt huwa magħmul minn rappreżentanti tal-Partijiet. Id-deċiżjonijiet tiegħu jittieħdu b'konsensus u huma vinkolanti għall-Partijiet.

Skont l-Artikolu 7(2), il-Kumitat Konġunt għandu jitlaqqa', mhux aktar tard minn 3 xhur qabel l-iskadenza tal-Ftehim, sabiex jivvaluta u jiddeċiedi l-ħtieġa tal-kontinwazzjoni tal-Ftehim, u d-durata tiegħu.

• L-att previst tal-Kumitat Konġunt

Il-Kumitat Konġunt għandu jadotta deċiżjoni dwar il-kontinwazzjoni tal-Ftehim sal-31 ta' Marzu 2027, f'konformità mal-Artikolu 7(2) tal-Ftehim.

Ir-raġunijiet għall-estensjoni huma diversi:

- L-ewwel nett, il-monitoraġġ tal-Ftehim wera li kellu rwol essenzjali fil-kuntest tal-Korsiji ta' Solidarjetà, billi pprova ankra ta' salvataġġ lill-ekonomija Ukrena, mhux biss għall-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli, iżda wkoll għall-iffaċilitar tal-esportazzjoni ta' prodotti mhux agrikoli Ukreni.
- It-tieni, il-Ftehim kien kruċjali wkoll biex jiżgura li l-Ukrajna jkollha aċċess għall-importazzjonijiet li teħtieġ, inkluż il-fjuwil u l-ġajjnuna umanitarja. F'dan ir-rigward, kien strumentali fiż-żieda tal-esportazzjonijiet tal-UE lejn l-Ukrajna, u pprova kisbiet ekonomiċi għall-Unjoni u għall-Istati Membri tagħha. Jista' wkoll, speċjalment għall-Istati Membri ġirien, jikkontribwixxi għall-bilanċ tal-kollass tal-esportazzjonijiet lejn ir-Russja li jirriżulta minn sanzjonijiet tal-UE.
- It-tielet, iż-żieda fil-kummerċ bit-triq bejn l-UE u l-Ukrajna turi li l-Ftehim huwa u se jibqa' kritiku biex jappoġġa lill-Ukrajna u l-isforzi ta' rikostruzzjoni tagħha fid-dawl tal-gwerra ta' aggressjoni Russa.
- Ir-raba', il-Kummissjoni ma identifikat l-ebda disturb kbir fis-suq tal-UE tat-trasport tal-merkanzija minħabba l-Ftehim. Il-kompetizzjoni inġusta possibbli mit-trasportaturi Ukreni fl-UE li tirriżulta mill-Ftehim hija limitata, peress li t-trasportaturi Ukreni jingħataw biss drittijiet limitati għall-aċċess għas-suq meta mqabbla mad-drittijiet li jgawdu t-trasportaturi stabbiliti fl-Istati Membri tal-UE. Fil-

fatt, il-Ftehim jippermetti biss kummerċ u tranżitu bilaterali, filwaqt li jipprojbixxi l-kummerċ transfruntier u l-kabotaġġ. Barra minn hekk, l-operazzjonijiet tat-trasport bit-triq minn u lejn l-Ukrajna jirrappreżentaw, bħala medja, proporzjon żgħir biss tan-negozju tat-trasportaturi tal-UE. Għalhekk, filwaqt li jista' jinħass impatt fuq is-suq fil-livell lokali jew reġjonali li jeħtieġ monitoraġġ aktar mill-qrib, ma hemm l-ebda evidenza li l-Ftehim ikkawża xi disturb kbir fis-suq tat-trasport bit-triq, fil-livell tal-UE jew saħansitra f'dak nazzjonali.

- Il-ħames, il-modifiki tal-Ftehim li saru fl-2024 saħħew sostanzjalment l-infurzar tiegħu, u stabbilew qafas legali li jippermetti kontrolli effettivi u l-prevenzjoni tal-abbużi. Il-laqgħat tal-grupp ta' ħidma *ad hoc* dwar l-implimentazzjoni Prattika tal-Ftehim, stabbilit skont l-Artikolu 7A tiegħu, saru fl-24 ta' Marzu u fil-25 ta' Ġunju 2025. Il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Ftehim ma wera l-ebda kwistjoni ewlenija ta' nuqqas ta' konformità jew abbużi. B'mod partikolari, l-implimentazzjoni tal-obbligu għas-sewwieqa li jgħorru l-awtorizzazzjoni fil-vettura, skont l-Artikolu 5A tal-Ftehim, ma ħolqot l-ebda diffikultà sinifikanti, u l-kodiċi QR inkluż fl-awtorizzazzjonijiet li jgħorru t-trasportaturi Ukreni huwa effettiv biex jippermetti kontroll effettiv tal-eżistenza u l-validità tagħhom. L-obbligu li tinġarr sticker skont l-Artikolu 5C tal-Ftehim jidher li huwa rrispettat sew. Fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-miżuri meħtieġa biex tiġi żgurata l-konformità mill-operaturi tat-trasport tal-merkanzija bit-triq mal-obbligi tagħhom, skont l-Artikolu 5D tal-Ftehim, Stat Membru wieħed irrapporta għadd sinifikanti ta' ksur, li attwalment qed jiġu soġġetti, bl-involviment tal-operaturi kkonċernati, għall-proċeduri meħtieġa fl-Ukrajna għall-adozzjoni possibbli ta' kwalunkwe miżura ta' segwitu meħtieġa. Sa issa, l-ebda wieħed minn dawn ir-rapporti ma wassal biex jeskludi lill-operaturi tat-trasport tal-merkanzija bit-triq Ukreni mill-possibbiltà li jagħmlu użu mid-drittijiet stabbiliti mill-Ftehim fl-Artikolu 5D(3) tiegħu. Fl-aħħar nett, ma ġiet irrapportata l-ebda kwistjoni mill-Istati Membri fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-obbligu li jinġarru ċerti dokumenti f'kontrolli mal-ġenb tat-triq għall-kontroll tas-servizzi tat-trasport bit-triq, skont l-Artikolu 5B tal-Ftehim, jew l-implimentazzjoni tal-klawsola ta' assistenza reċiproka stabbilita fl-Artikolu 5E tal-Ftehim.

Barra minn hekk, il-kontinwazzjoni tal-Ftehim sal-31 ta' Marzu 2027 hija meħtieġa minħabba li l-kundizzjonijiet li jiġġustifikaw il-konklużjoni tal-ftehim oriġinali għadhom prevalenti. Billi l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna ma waqfith, il-Ftehim se jkun strumentali biex jassisti l-isforzi ta' rikostruzzjoni tal-Ukrajna, anke f'każ ta' waqfien mill-ġlied jew ta' proċess ta' paċi.

Jibqa' l-fatt li impatt negattiv fuq l-industrija tat-trasport tal-merkanzija bit-triq ġie invokat minn żewġ Stati Membri li jmissu mal-Ukrajna, u dan ġie mtenni minn tnejn oħra. Attwalment hemm nuqqas ta' data biex jiġi vvalutat id-daqs tal-problema potenzjali, sa liema punt hija l-konsegwenza tal-Ftehim, u x'jistgħu jkunu r-rimedji tagħha. Għalhekk, kwalunkwe estensjoni ulterjuri tal-Ftehim għandha tqis ir-riżultati ta' studju dwar l-impatt tal-Ftehim fuq l-industrija tat-trasport bit-triq, fil-livell tal-UE u dak nazzjonali, li għandu jitwassal lill-Kummissjoni qabel l-iskadenza tal-Ftehim fil-31 ta' Marzu 2027. Dan l-istudju se jikkonċerna kull wieħed mis-sebgħa u għoxrin Stat Membru iżda se jagħti attenzjoni partikolari lill-Istati Membri li x'aktarx jiffaċċjaw kompetizzjoni diretta minn trasportaturi Ukreni u, fl-ewwel lok, dawk li jmissu mal-Ukrajna (il-Polonja, is-Slovakkja, l-Ungerija u r-Rumanija) u, fit-tieni lok, dawk li jistgħu jiġu affettwati aktar direttament mill-bqija tal-Istati Membri anke jekk ma jaqsmux fruntiera mal-Ukrajna (l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, ir-Repubblika Ċeka, is-Slovenja, il-Kroazja, il-Bulgarija). Fir-rigward tal-Istati Membri li jmissu mal-Ukrajna, se jħares ukoll lejn kwalunkwe effett subnazzjonali jew lejn kwalunkwe effett għal ċerta

kategorija ta' trasportaturi. L-istudju se jiddeskrivi b'mod partikolari l-pożizzjoni rispettiva tat-trasportaturi tal-UE u dawk Ukreni fit-trasport ta' merkanzija bit-triq bejn l-UE u l-Ukrajna; se jqabbilha mal-pożizzjoni ta' qabel il-gwerra; se jispjega r-raġunijiet ta' kwalunkwe evoluzzjoni; se jivvaluta l-impatt ta' kwalunkwe evoluzzjoni; se jipproponi, sabiex jipproteġi l-interessi tal-operaturi tal-UE, rimedji għal kwalunkwe impatt negattiv osservat, inkluż, jekk xieraq, it-tmiem tal-Ftehim u s-sostituzzjoni possibbli tiegħu b'miżuri xierqa oħra favur l-Ukrajna.

Barra minn hekk, sabiex jiġi indirizzat it-tħassib dwar il-kundizzjonijiet ekwi bejn l-operaturi tat-trasport tal-merkanzija bit-triq tal-UE u dawk Ukreni mqajjem minn xi Stati Membri (ara hawn fuq), l-allinjament fi stadju bikri tal-Ukrajna ma' xi partijiet ewlenin tal-*acquis* tal-UE tat-trasport bit-triq se jkun parti minn pjan direzzjonali, miftiehem mal-gvern tal-Ukrajna u mmonitorjat mill-Kummissjoni. Il-progress se jitqies għal kwalunkwe estensjoni ulterjuri tal-Ftehim. Dan se jikkonċerna, b'mod partikolari, il-pilastru soċjali tal-*acquis* tat-trasport bit-triq (il-ħinijiet tas-sewqan, il-pawżi u l-perjodi ta' mistrieħ; il-ħinijiet tax-xogħol), l-introduzzjoni bikrija tal-verżjoni 2 tat-takografi intelliġenti u l-pilastru tas-suq tal-*acquis* tat-trasport bit-triq (l-istabbiliment ta' reġistru elettroniku nazzjonali tal-impriżi tat-trasport bit-triq li jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet tal-UE, il-kundizzjonijiet relatati mar-rekwiżit tal-istabbiliment) f'konformità mal-appendiċi għall-abbozz ta' deċiżjoni meħmuż tal-Kumitat Konġunt. Dawn l-obbligi ntgħażlu minħabba li huma elementi tal-*acquis* li għadhom ma ġewx trasposti mill-Ukrajna u li huma kruċjali biex jinħolqu kundizzjonijiet ekwi bejn l-UE u l-Ukrajna fil-qafas tal-Ftehim (l-aċċess għar-regoli tas-suq u r-regoli soċjali). Dan għandu jitqies fl-isfond tan-negożjati tal-adeżjoni kurrenti⁹.

Din il-proposta ssegwi proposta għall-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar it-Trasport tal-Merkanzija bit-Triq¹⁰, fir-rigward tal-kontinwazzjoni ta' dak il-Ftehim¹¹. Din il-proposta tikkonċerna estensjoni għal 18-il xahar tal-Ftehim mar-Repubblika tal-Moldova, li ġie ffirmat mill-Unjoni fid-29 ta' Ġunju 2022¹² u estiż sal-31 ta' Diċembru 2025¹³.

4. IL-POŻIZZJONI LI TRID TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Għalhekk, il-pożizzjoni li trid tiġi adottata f'isem l-Unjoni għandha tkun f'konformità mal-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt meħmuż ma' din il-proposta.

5. BAŻI LEGALI

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet tal-Kunsill li jistabbilixxu “l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.”

Il-kunċett ta' “atti li jkollhom effetti legali” jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali skont ir-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregola s-sede kkonċernata.

⁹ EUCO 20/23

¹⁰ ĠU L 181, 7.7.2022, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_international/2022/1165/oj.

¹¹ COM(2025) 411 final

¹² ĠU L 226, 14.9.2023, p. 1.

¹³ ĠU 2024/1266, 30.4.2024.

Il-Kumitat Konġunt huwa korp stabbilit bi ftehim, jiġifieri l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna dwar it-Trasport tal-Merkanzija bit-Triq.

Id-deċiżjoni prevista dwar l-estensjoni tad-durata tal-Ftehim, li l-Kumitat Konġunt huwa mitlub jadotta, tikkostitwixxi att li jkollu effetti legali u se tkun vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, f'konformità mal-Artikolu 7(2) tal-Ftehim.

L-att previst ma jissupplimentax u ma jemendax il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim. Għalhekk, il-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta tal-Kunsill hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

Il-bażi legali sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-oġettiv u mill-kontenut tal-att previst li dwaru tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissejjes fuq bażi legali sostantiva unika, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

L-oġettiv u l-kontenut ewlenin tal-att previst huma relatati mat-trasport bit-triq. Għalhekk, il-bażi legali sostantiva għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 91 tat-TFUE.

6. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

Jixraq li d-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* wara l-adozzjoni tagħha.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna dwar it-Trasport tal-Merkanzija bit-Triq, fir-rigward tal-kontinwazzjoni tal-Ftehim

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna dwar it-Trasport tal-Merkanzija bit-Triq¹⁴ ("il-Ftehim") ġie ffirmat mill-Unjoni fid-29 ta' Ġunju 2022 u daħal fis-seħħ fil-5 ta' Diċembru 2022¹⁵.
- (2) L-Artikolu 7(1) tal-Ftehim jistabbilixxi Kumitat Konġunt biex jissorvelja u jimmonitorja l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Ftehim u jirrieżamina perijodikament il-funzjonament tiegħu fid-dawl tal-oġettivi tiegħu. Skont l-Artikolu 7(2) tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt irid jitlaqqa' mhux aktar tard minn 3 xhur qabel l-iskadenza tal-Ftehim sabiex jivvaluta u jiddeċiedi l-ħtieġa ta' kontinwazzjoni ulterjuri ta' dan il-Ftehim.
- (3) Skont id-Deċiżjoni 2/2023 tal-Kumitat Konġunt tas-16 ta' Marzu 2023¹⁶, il-Ftehim ġie estiż sat-30 ta' Ġunju 2024.
- (4) Permezz ta' Ftehim Emendatorju ffirmat fl-20 ta' Ġunju 2024, il-Ftehim ġie mmodifikat u estiż sat-30 ta' Ġunju 2025, b'tiġdid taċitu għal perjodu ieħor ta' 6 xhur¹⁷. Il-Ftehim Emendatorju ġie applikat b'mod provviżorju mid-data meta ġie ffirmat. Fis-17 ta' Ġunju 2025, il-Parlament Ewropew adotta l-kunsens tiegħu għall-konklużjoni tal-Ftehim Emendatorju u fil-15 ta' Lulju 2025, il-Kunsill adotta d-deċiżjoni tiegħu dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Emendatorju. Il-Ftehim huwa applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2025.
- (5) Sabiex kemm l-Unjoni Ewropea kif ukoll l-Ukrajna jkomplu jibbenefikaw mill-effetti pożittivi tal-Ftehim, billi jiffaċilitaw it-trasport tal-merkanzija bit-triq bejn l-Ukrajna u l-Unjoni Ewropea u minn ġo fihom u jappoġġaw il-funzjonament tajjeb tal-Korsiji ta' Solidarjetà fil-kuntest tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, il-Ftehim jenħtieġ li jiġi estiż sal-31 ta' Marzu 2027.

¹⁴ ĠU L 179, 6.7.2022, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_international/2022/1158/oj.

¹⁵ ĠU L 226, 14.9.2023, p. 2.

¹⁶ ĠU L 123, 8.5.2023, p. 36, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2023/929/oj>.

¹⁷ ĠU 2024/1878, 2.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_international/2024/1878/oj.

- (6) Il-Kumitat Konġunt, matul il-laqgħa li jmiss tiegħu, irid jadotta deċiżjoni dwar il-ħtieġa ta' kontinwazzjoni ulterjuri tal-Ftehim, inkluż id-durata tiegħu. Dik id-deċiżjoni se tkun vinkolanti għall-Unjoni.
- (7) Għalhekk huwa meħtieġ li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt fir-rigward tal-kontinwazzjoni tal-Ftehim.
- (8) Meta jitqiesu t-tħassib u l-inċertezzi dwar impatt negattiv possibbli tal-Ftehim fuq xi Stati Membri, il-Kummissjoni se tniedi studju dwar l-impatt tal-Ftehim fuq l-industrija tat-trasport bit-triq, fil-livell tal-UE u dak nazzjonali. Kwalunkwe estensjoni ulterjuri jenħtieġ li tkun soġġetta għal progress sodisfaċenti li jkun sar fir-rigward tal-allinjament tal-leġiżlazzjoni Ukrena mal-*acquis* rilevanti tal-UE tal-aċċess għas-suq u dak soċjali tat-trasport bit-triq li jkunu għadhom ma ġewx trasposti u jenħtieġ li tqis ir-riżultati tal-istudju.
- (9) Għalhekk, il-pożizzjoni tal-Unjoni fir-rigward tal-kontinwazzjoni tal-Ftehim, inkluż id-durata tiegħu, jenħtieġ li tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt stabbilit bl-Artikolu 7 tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna dwar il-Trasport tal-Merkanzija bit-Triq ("il-Ftehim"), fir-rigward tal-kontinwazzjoni tal-Ftehim, inkluż id-durata tiegħu, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Ir-rappreżentanti tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt jistgħu jaqblu fuq bidliet minuri fl-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt mingħajr Deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President